MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 105/2005/1

**Elizabeth Bugeja**

**vs**

**Anthony *sive* Tony Muscat**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Jannar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attrici s-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), jew somma verjuri li

tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti ammont ta’ flus mislufin brevi manu lill-konvenut;

2. Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra interpellatorja datata l-4 ta’ Jannar tas-sena 2004, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata d-9 ta’ Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-azzjoni hija improponibbli u dan stante illi hija bbazata fuq kawza illecita essendo li si tratta ta’ uzura lampanti li llum il-gurnata jikkostitwixxi reat kriminali;

2. Illi fit-tieni lok l-attrici naqset milli tindika n-numru tal-karta ta’ l-identita’ tal-konvenut u ghalhekk ma hijiex konformi ma’ l-Artikolu 174 (2) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess l-eccipjent jeccepixxi li l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent hallas dak kollu legalment dovut lill-attrici;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal datat l-24 ta’ Mejju tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attrici ddikjarat li l-pretensjoni taghha ma taqbizx il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jigi puntwalizzat is-segwenti rigward l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati:

a. Rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari:

1. Illi f'dan ir-rigward ma ingiebet l-ebda prova;

2. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda;

3. Illi tigbed biss l-attenzjoni ta' min hu dovut li ghandu jinvestiga tali allegazzjoni jekk ikun il-kaz;

b. Rigward it-tieni eccezzjoni preliminari:

1. Illi l-karenza sollevata f'din it-tieni eccezzjoni tirrizulta ampjament;

2. Illi nonostante dan, kwalunkwe irregolarita' sollevata giet debitament rimedjata ai termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12;

3. Illi ghaldaqstant, anke din it-tieni eccezzjoni preliminari qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu jirrizulta in sintesi s-segwenti:

1. Illi l-attrici sellfet l-ammont ta' tmint elef Lira Maltin lill-konvenut, u dan ghaliex il-partijiet kienu konoxxenti ta' xulxin u jahdmu fl-istess ambjent;

2. Illi dan is-self kien ilu jsir u l-konvenut jidher li kien jirritorna l-ammonti lilu mislufa;

3. Illi l-ammonti mislufa lill-konvenut mill-attrici kienu jigu lilu mislufa ghaliex jidher li kien ferm persistenti biex jilhaq dan l-ghan tieghu;

4. Illi sa l-mument meta l-konvenut waqqaf il-pagamenti rateali tieghu ta' rifuzjoni, jirrizulta li kellu dejn ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

5. Illi l-konvenut isostni li m'ghandu jaghti xejn aktar lill-attrici;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-konvenut kien jisellef ammonti konsiderevoli minghand l-attrici;

Illi ghalkemm jissemma' li saret skrittura ghand xi nutar baqghet ma ngiebet l-ebda prova ta' dan;

Illi mix-xhieda taghha l-attrici tidher ferm aktar affidabbli;

Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li l-attrici ippruvat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement ghar-ragunijiet fuq indikati:

1. Tichad l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut;

2. Takkolji t-talbiet attrici u allura tichad ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenut;

3. Tikkundanna lill-konvenut Anthony sive Tony Muscat biex ihallas lill-attrici Elizabeth Bugeja, l-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), mislufin lilu mill-attrici "brevi manu", bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi."

L-appell ipprezentat mill-konvenut jikkonsisti essenzjalment f' kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-

provi maghmul mil-ewwel Qorti. L-obbjezzjonijiet tieghu jiehdu din il-bixra:-

(i) Huwa qatt ma kkontesta li ssellef flejjes minghand l-attrici izda kkontesta l-fatt li kien ghad baqalu jaghti;

(ii) L-attrici ma pprovatx il-kaz taghha ghax la pprezentat prova ta' l-iskrittura tas-self u lanqas prospett ta' dak dovut lilha, ghalkemm issemmi li dawn jezistu;

(iii) L-ewwel Qorti ma kellhiex tinverti l-oneru tal-provi minn fuq l-attrici ghal fuqu;

Qabel konsiderazzjoni ta' dawn l-ilmenti huwa opportun li jigi notat illi qudiem l-ewwel Qorti l-appellanti ddefenda ruhu sostanzjalment b' dawn l-eccezzjonijiet:-

(i) l-ezistenza ta' kawza illecita bazata fuq l-uzura;
(ii) il-pagament;

Dan premess, jidher minn dawn id-difizi illi l-appellanti htieglu juri ghall-konvinciment tal-Qorti illi, tabilhaqq, in-negozju guridiku kien illecitu ghax affett b' uzura. Ara **Kollez. Vol. XXXII P I p 263**. Kellu jiddemostra wkoll, dejjem ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, il-pagamenti li hu allega li ghamel. Dan bi kwalsiasi mezz, "basta li l-gudikant, bil-provi forniti fil-gudizzju, jakkwista c-certezza morali li l-hlas ikun effettivament sar" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 525**);

Issa kif din il-Qorti kellha okkazjoni ttenni f' sentenzi ohra taghha f' materja ta' apprezzament ta' provi l-gudikant kellu jkun gwidat minn dawn il-principji:-

(1) Ibda biex, il-principju li jqieghed a kariku tal-parti l-piz tal-prova ghas-sostenn ta' l-allegazzjonijiet taghha. Dan fuq l-istregwa tar-regoli tradizzjonali *onus*

*probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u *reus in excipiendo fit actor* ghal kaz fejn jaggrava fuq il-konvenut li jissufraga l-fatti migjuba b' fondament ghall-eccezzjonijiet sollevati biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur;

(2) Il-provi huma mhollija fil-poter esklusiv u dispositiv tal-partijiet;

(3) Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazjzoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi* adottata;

Fuq il-bazi tal-provi prodotti, konsistenti eskluzivament mid-deposizzjonijiet ta' l-istess kontendenti, l-ewwel Qorti, wara li apprezzat ic-cirkostanzi ta' fatt, iddeterminat dan:-

(i) Li kien sar self mill-attrici lill-appellanti u li dan gie realizzat bil-konsenja avvenuta ta' somom ta' flus;
(ii) Li ma kien hemm xejn sospett li sar self b' interessi usurjarji;
(iii) Li l-versjoni ta' l-attrici kienet aktar affidabbli;

Evalwat dan l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti, jibda biex jinghad illi ma jezisti ebda dubbju illi verament l-appellanti ssellef flejjes minghand l-attrici. Dan, wara kollox, hu ammess ukoll minnu. Tibqa' l-kwestjoni kemm kien l-ammont totali ta' dan is-self. L-attrici ssemmi figura li komplessivament teccedi t-tmint elef lira (Lm8000). Bil-kontra, l-appellanti jiddikjara li ssellef somma inferjuri ghal din u li d-differenza kienet tahbi uzura. Fil-verita l-appellanti jhawwad fil-figuri ta' l-ammont totali misluf lilu ghax filli jsemmi li ssellef erbat elef u hames mitt lira (Lm4500), filli jghid li rceva hamest elef lira (Lm5000) u fl-ahharnett jistqarr li ssellef erbat elef lira (Lm4000). Ara xhieda tieghu a fol. 17 *et sequitur*. Huwa jghid ukoll li din l-ahhar somma indikata (Lm4000) l-attrici tathomlu fil-presenza tan-Nutar li rrediega l-iskrittura pero` meta

marru ghand in-Nutar l-ammont kollu li ssellef gie jammonta ghal kwazi tmint elef lira (Lm8000);

Quddiem din ix-xhieda konfuzjonarja din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli filli l-Qorti inferjuri akkordat aktar affidabilita` lil versjoni ta' l-attrici, anke fin-nuqqas ta' esebizzjoni ta' l-iskrittura tas-self, una volta wkoll tezisti konvergenza mill-kontendenti illi dik l-iskrittura kienet tabilhaqq tirreferi ghall-figura ta' tmint elef lira (Lm8000). Lanqas ma ghandha ghalfejn din il-Qorti ticcensura r-ragonament implicitu fis-sentenza appellata ta' l-assenza ta' l-uzura allegata. Certament in-nuqqas ta' kredibilita` fil-konvenut dwar x' ammonti rceva u xi hlasijiet ghamel, fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz, timmilita bhala prova favur l-attrici. Del resto, ma jistax ma jigix osservat illi f' din is-sede l-appellanti ma baqax jinsisti fuq l-allegazzjoni ta' l-uzura. Din hi attitudni ghal kollox gdida inkonsistenti ma' dak li hu sostna in prim' istanza;

Ukoll, l-appellanti ma ghandux ghalfejn jilmenta minn xi inversjoni ta' l-oneru tal-provi mill-ewwel Qorti. Dan ghaliex, jekk hemm bzonn jigi ripetut, dik l-allegazzjoni tieghu ta' l-uzura kienet tinkombi lilu u hu naqas li jsostniha. Kif hekk ukoll naqas li jiddizempja ruhu b' mod konvincenti u konkluziv mill-piz tal-prova li jsostni l-bazi ta' l-eccezzjoni tieghu tal-pagament. L-ewwelnett, anke jekk *gratia argomenti* jigi accettat illi hu ssellef Lm4500 jew Lm5000, hu stess jammetti li hallas biss erbat elef lira (Lm4000). Fit-tieni lok, hu imbaghad jonqos milli jgib element korroborattiv tal-pagamenti li ghamel. Dan avolja jghid li kellu karti ghand il-mara tieghu ffirmati mill-attrici stess u, b' riferiment ghall-uzura, avolja jghid li ghandu karta redatta mill-attrici ghand certu Bernard Zarb fid-Depot meta la dan ix-xhud u lanqas din il-karta ma pproduca. Fil-presenza ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha r-revoka invokata mill-appellanti ma tistax titqies sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez anke ta’ din il-procedura jitbatew mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------